A.L. 160 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Criminology taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti {enerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Criminology taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Criminology; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Criminology.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 kredtu.

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju, bil-kredti assenjati għal kull waħda, għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu ta' kull Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għalihom.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.